

[Subject]: Fatturi tariffarji

Għażiż Sinjur/Għażiża Sinjura,

Qegħdin niktulek bħala debitur tariffarju rreġistrat mal-portal onlajn tat-tariffi superviżorji tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (<https://pasos.ecb.europa.eu/banklogin>).

Mill-1 ta' Jannar 2020, għall-maġġoranza tad-debituri tal-ħlas, id-dejta superviżorja tar-rappurtar finanzjarju (FINREP) u r-rappurtar komuni (COREP) irrappurtati permezz tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (NCAs) qed jerġgħu jintużaw għall-ġbir ta' fatturi tariffarji. Żewġ kategoriji ta' debituri tariffarji għandhom ikomplu jirrapportaw il-fatturi tariffarji permezz tal-mudell ippubblikat fuq il-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE: (i) gruppi li jeskludu ammonti ta' assi u/jew ammonti ta' espożizzjoni għar-riskju ta' sussidjarji fi Stati Membri mhux parteċipanti; u (ii) friegħi stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti minn istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri mhux parteċipanti li mhumiex soġġetti għar-Regolament FINREP tal-BĊE.

Id-debituri tariffarji kollha issa jistgħu jirrevedu l-fatturi tariffarji użati fil-kalkolu ta' tariffi individwali. Jekk jogħġbok innota li d-dejta tal-fatturi tariffarji li bgħatt issa ġiet ippubblikata fil-portal onlajn tal-BĊE biex tkun tista' tivverifikaha. Jekk temmen li d-dejta mhix korretta, tista' tikkummenta u/jew tissottometti dejta emendata għall-konsiderazzjoni billi tikkuntattja lill-BĊE sas-18:00 CET tal-05 ta' Frar 2021 fl-indirizz tal-email li ġej: [SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu](mailto:SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu). Wara din id-data, dawn il-fatturi tariffarji se jintużaw biex tiġi kkalkolata t-tariffa superviżorja annwali li għandek tħallas għall-2020.

Għandu jkun innutat li d-dejta FINREP u COREP tista' tinbidel retrospettivament. Madankollu, għal skopijiet tariffarji, ladarba d-dejta tkun intużat għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja għal perijodu tariffarju speċifiku, emendi futuri ma jiġux ikkunsidrati u ma jsir ebda kalkolu mill-ġdid tat-tariffi superviżorji.

Jekk ikollok mistoqsijiet dwar l-obbligi tiegħek (jew dwar kwalunkwe kwistjoni oħra) li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi, il-BĊE huwa lest jagħtik l-għajnuna meħtieġa bl-email fi [SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu](mailto:SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu). Barra dan, il-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE <https://www.bankingsupervision.europa.eu/organisation/fees/html/index.mt.html> fiha tagħrif ġenerali siewi dwar it-tariffi superviżorji.

Tislijiet,

It-tim tal-mistoqsijiet fuq it-tariffi tal-MSU